

Brussell, 6 ta' Jannar 2025
(OR. en)

16459/24
PV CONS 62
EDUC 449
JEUN 285
CULT 128
AUDIO 114
SPORT 85

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport)

25 u 26 ta' Novembru 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15721/24. Fuq talba ta' Franza, il-Kunsill qabel li jżid punt ieħor taħt "affarijiet oħra" dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-Katidral ta' Notre-Dame.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva 15858/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 15860/24

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2025 [S][C] 15788/24 + COR 1 *Approvazzjoni* + ADD 1-4 Wara l-Kunsill (ECOFIN/Baġit) tas-16.11.2024 + ADD 5 REV 1 + ADD 6 FIN

Il-Kunsill approva t-test konġunt dwar il-baġit għall-2025 kif jinsab fl-Anness u fl-addenda tad-dokument indikat hawn fuq, bl-Iżvezja tivvota kontra u l-Awstrija, id-Danimarka, il-Finlandja u n-Netherlands jastjenu (Bażi legali: l-Artikolu 314(5) TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

ŻGĦAŻAGĦ

3. Konklużjonijiet dwar l-għoti ta' opportunitajiet lokali għaż-
żgħażaġh li jgħixu f'żoni rurali u remoti
Approvazzjoni 14905/24
+ **REV 1 (de, fi, hr,
hu, it, lv, nl)**
+ ADD 1-2
4. Riżoluzzjoni dwar l-eżiti tal-għaxar ċiklu tad-Djalogu tal-UE
maż-Żgħażaġħ
Approvazzjoni 14876/24
+ **REV 1 (de, fi, lv,
nl)**
5. Riżoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-
Żgħażaġħ 2025-2027
Approvazzjoni 14903/24
+ **REV 1 (de, fi, it,
nl)**
6. **Ix-xejriet demografiċi li qed jevolvu li jsawru l-
opportunitajiet għaż-żgħażaġh rurali**  15031/24
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza. Id-delegazzjonijiet esprimew it-tħassib tagħhom dwar l-isfidi demografiċi li qed tiffaċċa l-Unjoni Ewropea. B'enfasi fuq il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh rurali, huma qablu li jkomplu jaħdmu fuq miżuri transsettorjali li jimmiraw, fost oħrajn, għal opportunitajiet aħjar ta' edukazzjoni u taħriġ, akkomodazzjoni affordabbli, trasport pubbliku u konnessjonijiet tal-internet imtejba u aċċess għall-kura tas-saħħa mentali.

EDUKAZZJONI

7. Konklużjonijiet dwar sħubijiet strateġiċi fl-edukazzjoni u t-
taħriġ
Approvazzjoni 15019/24
+ **REV 1 (fr, hr,
hu, it, lv, ro, sv)**
8. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u
sostenibbli fl-edukazzjoni għolja
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292 flimkien
mal-Artikolu 153(1), il-punti (b) u (i), u l-Artikoli 165(4) u
166(4) TFUE)
Adozzjoni  14906/24
+ **REV 1 (de, es, fr,
hr, hu, ro, sk, sv)**
+ ADD 1-2

9. **Nagħtu spinta lill-ħiliet u l-kompetittività li jibqgħu validi fil-futur permezz tal-edukazzjoni għolja**

 15234/24
+ REV 1 (sv)

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi tan-nota ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenza. Sar skambju ta' fehmiet dwar kif il-ħiliet u l-kompetittività li jibqgħu validi fil-futur jistgħu jingħataw spinta permezz tal-lawrja Ewropea ppjanata u kif l-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja jistgħu jiġu appoġġati biex isiru muturi li jmexxu l-kompetittività tal-UE fil-livell globali.

Affarijiet oħra

10. Żgħażaġħ

a) **Riżultati tad-diskussjoni li saret fil-laqgħa informali waqt il-kolazzjon tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġh¹**



Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

b) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mill-Polonja

Edukazzjoni

c) **Summit Ministerjali tal-MED9 għall-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tranżizzjoni Ekoloġika fir-Reġjun tal-Mediterran (Limassol, 27 ta' Ġunju 2024)**

 15329/24

Informazzjoni minn Ċipru

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Ċipru.

d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mill-Polonja

¹ Bl-attenzenza ta' delegat żaġhżuġh Ungeriż u rappreżentant tal-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ.

Attivitajiet mhux leġislattivi

SPORT

11. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-legat dejjiemi ta' avvenimenti sportivi kbar
Approvazzjoni 14443/24
+ REV 1 (es, fi, fr, hr, hu, lv, pl, sk, sl, sv)
+ REV 1 COR 1 (pl)
+ ADD 1 REV 2
12. **Ir-rwol tal-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport²**  14826/24
Dibattitu ta' orjentazzjoni
Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi ta' nota ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenza. Id-diskussjoni kienet iffukata fuq daww il-aspetti tal-Mudell Ewropew tal-Isport li jippreservaw bl-aħjar mod il-valuri Ewropej fl-isport (eż. l-inklużività, l-ugwaljanza, il-governanza tajba), iżda wkoll fuq il-ħtieġa għal solidarjetà finanzjarja mtejbja bejn l-isport professjonali u dak tad-dilettanti. Id-dibattitu wera t-tkomplija tal-appoġġ tal-Istati Membri għall-mudell.

KULTURA, AWDJOVIŻIV U MEDIA

13. Konklużjonijiet dwar it-titjib u t-trawwim tal-aċċess għall-kultura
Approvazzjoni 14757/24
+ REV 1 (de, el, hu, lv, nl)

² Fil-preżenza tal-President tal-UEFA.

14. Ir-rwol tal-libreriji fl-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media

 14733/24
+ REV 1 (hu)

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' nota ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenza u fil-kuntest kumpless tal-implimentazzjoni li għaddejja ta' diversi atti leġiżlattivi relatati mal-media (l-EMFA, id-DSA, id-DMA, l-AVMSD, l-Att dwar l-IA) u l-isfidi emerġenti fix-xenarju tal-media tal-UE u dak globali bħad-diżinformazzjoni, it-theddid ibridu, l-aħbarijiet foloz u l-emerġenza tal-IA. Il-ministri enfasizzaw, fost affarijiet oħra, li l-libreriji huma ċentri soċjali u kulturali li jappoġġaw l-educazzjoni dwar il-litteriżmu fil-media u t-tagħlim tul il-ħajja; jikkostitwixxu sors ta' informazzjoni affidabbli u interazzjoni fil-komunità; u jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u għat-tisħiħ tad-demokrazija tagħna.

Affarijiet oħra

15. Sport

a) Id-dimensjoni Ewropea tal-Logħob ta' Pariġi 2024 u l-legat dejjiemi tagħhom fl-Ewropa

 15286/24

Informazzjoni minn Franza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

b) Id-dimensjoni Ewropea tal-Kampjonat Ewropew tal-Futbol tal-2024 fil-Ġermanja

 15287/24

Informazzjoni mill-Ġermanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja.

c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

Informazzjoni mill-Polonja

Il-Kultura, l-Awdjoviżiv u l-Media

- d) **Appoġġ għall-kooperazzjoni u l-ħolqien tal-kontenut fis-setturi kulturali u kreattivi fil-livell tal-UE**  15444/24

Informazzjoni mill-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja.

- e) **Konferenza dwar id-Drittijiet Kulturali fi Żminijiet ta' Kriżi u d-Dikjarazzjoni tal-MED9 dwar id-Drittijiet Kulturali**  15291/24

(Nikosija, 16 ta' Settembru 2024)
Informazzjoni minn Ċipru

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Ċipru.

- f) **Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2029: Lublin**  15293/24

Informazzjoni mill-Polonja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Polonja.

- g) **Il-politiki tal-Istati Membri li jippromwovu d-diversità kulturali fis-Suq Uniku Diġitali**  15295/24

Informazzjoni minn Franza, il-Greċja, l-Italja u Spanja, appoġġati mill-Ġermanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza, il-Greċja, l-Italja u Spanja, appoġġati mill-Ġermanja.

- h) **Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-sena 2025: Chemnitz u Nova Gorica**  15297/24

Informazzjoni mill-Ġermanja u s-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja u s-Slovenja.

- i) **Tisħiħ u appoġġ strutturali għal offerti u pjattaformi tal-media Ewropej indipendenti**  15298/24

Informazzjoni minn Franza u l-Ġermanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza u l-Ġermanja.

- j) **Eżitu tal-Laqgħa tal-G7 f'Napli dwar il-Kultura bit-tema "Il-kultura, ben komuni tal-umanità, responsabbiltà komuni" (Napli, 19-21 ta' Settembru 2024)**
Informazzjoni mill-Italja

 15640/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja.

- k) Ftuħ mill-ġdid tal-Katidral ta' Notre-Dame
Informazzjoni minn Franza
- l) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mill-Polonja

16066/24

-
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-  Proċedura leġiżlattiva speċjali

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 15860/24

Dwar il-punt "A"
nru 1:

Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2025
Approvazzjoni

Wara l-Kunsill (ECOFIN/Baġit) tas-16.11.2024

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, ID-DANIMARKA, IL-FINLANDJA, L-IŻVEZJA U N-NETHERLANDS

"In-negozjati tal-baġit annwali ta' din is-sena mmarkaw l-ewwel applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kaskata maqbul mill-Kunsill Ewropew fi Frar 2024 fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP. Għall-2025, kienu meħtieġa EUR 2.3 biljun addizzjonali biex ikopru l-ispejjeż żejda relatati mal-pagamenti tal-imgħax għall-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI).

Aħna nemmnu li l-baġit tal-UE għandu jkun ibbażat fuq prinċipji baġitarji sodi, billi jinżammu marġnijiet suffiċjenti u jiġu salvagwardjati strumenti speċjali għal ċirkostanzi mhux previsti. Il-Kunsill Ewropew fi Frar 2024 ikkonkluda li madwar 50 % tal-ispejjeż żejda għandhom ikunu koperti mill-pass 2 tal-mekkaniżmu; l-użu ta' riallokazzjonijiet u strumenti speċjali mhux tematiċi. L-ispiża żejda għall-2025 hija indirizzat biss bl-użu ta' strumenti speċjali, mingħajr riallokazzjonijiet.

Skont l-istimi tal-Kummissjoni, l-ispejjeż żejda ser ikunu oġġa b'mod sinifikanti fl-2026 u l-2027. Il-baġit għall-2025 kellu jkoll dan billi jkopri ammont oġġa permezz tal-pass 2. Għalhekk aħna nemmnu li l-qbil attwali dwar il-baġit tal-UE għall-2025 mhuwiex konformi mal-prinċipju ta' bbaġitjar prudenti.

Fl-aħħar nett, il-ftehim dwar il-baġit għall-2025 jinkludi żidiet sinifikanti fin-nefqa amministrattiva kif ukoll żidiet fil-livelli tal-persunal li huwa diffiċli li jiġu rikonċiljati mar-realtajiet baġitarji u l-miżuri meħuda f'ħafna Stati Membri."